# Anness III

# Taqsimiet Rilevanti tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, il-Fuljett ta' Tagħrif u t-tikkettar

**Nota: Dawn l-emendi għall-SPC, għall-Fuljett ta' Tagħrif u għat-Tikketta huma validi fil-ħin tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.**

# Emendi li għandhom jiġu nklużi fit-taqsimiet rilevanti tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, il-Fuljett ta'Tagħrif u t-tikkettar

*Applikabbli għall-prodotti kollha ħlief dawk li fihom kisja ta' polimetakrilat-tritiċitrat bħala mekkaniżmu ta' rilaxx modifikat.*
*Għall-prodotti li għandhom twissijiet rigward l-interazzjoni mal-alkoħol, il-formulazzjoni eżistenti fl-SPC u fil-fuljett ta' tagħrif għandha tiġi sostitwita bil-formulazzjoni ta' hawn taħt.*
*Għall-prodotti li m'għandhomx twissijiet rigward l-interazzjoni mal-alkoħol fl-SPC u fil-fuljett ta' tagħrif attwalment approvati, għandha tiżdied il-formulazzjoni ta' hawn taħt.*

## *Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott*

### 4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

*[...]*
*L-użu fl-istess ħin tal-alkoħol u {isem tal-prodott} jista' jżid l-effetti mhux mixtieqa ta' {isem tal-prodott}; l-użu fl-istess ħin għandu jiġi evitat.*
*[...]*

### 4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarijiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott

*[...]*
*L-alkoħol jista' jtejjeb l-effetti farmakodinamiċi ta' {isem tal-prodott}; l-użu fl-istess ħin għandu jiġi evitat.*
*[...]*

## *Fuljett ta' Tagħrif*

### Sezzjoni 2 - Qabel ma tieħu {isem tal-prodott}

*[...]*
*Jekk tixrob l-alkoħol waqt li tieħu {isem tal-prodott}, dan jista' jġiegħlek tħossok aktar imħeddel/imħeddla jew iżid ir-riskju ta' effetti sekondarji serji bħal teħid tan-nifs ħafif ħafna b'riskju li tieqaf tieħu n-nifs, u li tintilef minn sensik. Huwa rrakkomandat li ma tixrobx alkoħol waqt li tkun qed tieħu {isem tal-prodott}.*
*[...]*

## *Tikkettar*

Kwalunkwe twissija eżistenti dwar l-interazzjoni mal-alkoħol għandha titħassar.